10 ta' Ottubru, 1949

**Imħallef:**

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* George Vigo

**Traffiku — Kolliżjoni — "Brake Marks" — "Road Junction".**

*Każ fejn mill-fatt li l-imputat kien riesaq bil-karrozza tiegħu lejn "road junction", u mill-eżami tal-"brake marks", u min ċirkustanzi oħra tal-każ, il-Qorti riteniet li l-każ kien wieħed ta' "res ipsa loquitur" kontra l-imputat.*

L-imsemmi George Vigo ġie miġjub quddiem il-Qorti Kri-

minali tal-Maġistrati sabiex jirrispondi talli fis 26 ta' Marzu 1949 saq motor car minn Cannon Road, Qormi, b'ġiri aktar milli jmissu u b'manjera perikuluża u fuq in-naħa ħażina tat-triq, u talli, minħabba nuqqas ta' għaqal, traskuraġini, u billi ma osservax *ir-regolamenti*, ħabat ma' motor car no. 5791 u għamlilha ħsara għad-dannu ta' Joseph Zammit; u ġiet mitluba s-sospensjoni tal-liċenza tiegħu tas-sewqan;

B'sentenza tagħha tat-13 ta' Mejju 1949 dik il-Qorti sabitu ħati skond l-imputazzjoni, ikkundannatu għall-ħlas ta' multa ta' £5, u ssospendietlu l-liċenza għal żmien erba' xhur;

*Din il-Qorti regghet semghet*.......... u rriflettiet;

*Omissis.*

Il-Qorti taħseb li l-imputat baqa' b'impressjoni skorretta taċ-ċirkustanzi tal-kolliżjoni, għaliex il-versjoni tiegħu ma taqbelx—anki jekk wieħed iħalli apparti, għall-mument, ix-xhieda ta' Zammit—mal-fatti kif materjalment konstatati fuq il-*post tal-kolliżjoni*, li, kif osserva l-Maġistrat, jagħmlu dan il-każ wieħed li fih "res ipsa loquitur";

Hu innegabili li l-imputat kien riesaq lejn "road-junction". Hu fatt ukoll li l-"brake marks" tal-karrozza tiegħu kienu twal 41 pied u 10 pulzieri; u hi ħaġa magħrufa illi l-"braking distance" turi li speed, għaliex il-"braking distance" tvarja ma' li "square" ta' li speed. F'dan il-każ, bi brakes tajbin u art xotta, "brake marks" ta' dak it-tul juru speed superjuri għal 30 mil fis-siegħa, li, stante l-approssimazzjoni tar "road junction", kien speed żejjed. Hu fatt ukoll li l-imputat kien konsiderevolment aktar lejn il-lemin milli lejn ix-xellug, kif innota l-Maġistrat. It-triq hi wiesgħa 21 pied u 10 pulzieri, u meta wieħed jieħu in konsiderazzjoni l-wisa' tal-car (4 piedi u 8 pulzieri), jiġi illi l-imputat kien 10 piedi u 4 pulzieri mis-side tiegħu, u biss 6 piedi u 10 pulzeri mil-lemin;

L-Imħallef sedenti jaqbel mal-Maġistrat illi s-sewqan bi speed żejjed, akkoppjat ma' sewqan fuq in-naħa ħażina tat-triq fil-waqt li driver ikun riesaq lejn "road junction", għandu jitqies bħala sewqan perikoluż;

Għalhekk il-Qorti tiddeċidi;

Billi tikkonferma s-sentenza appellata u tiċħad l-appell. Żmien għall-ħlas tal-multa xahar mil-lum. Is-sospensjoni tal-liċenza tas-sewqan għandha tibda tgħodd minn għada.